**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Gunju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 153/17AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-31 ta' Mejju 2008 (Vide c-certifikat hawn anness u markat Dok 'A') u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi fid-9 ta' Jannar 2012 il-partijiet dehru fuq kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono (kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'B');

3. Illi ghalhekk il-partijiet ilhom ‘il fuq minn erba’ (4) snin jghixu separatament minn xulxin;

4. Illi l-esponenti jiddikjara li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet ghall-partijiet stess skond il-kuntratt ta’ separazzjoni u ghalhekk ma hemm ebda arretrati;

6. Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-Ligi sabiex jinghata d-divorzju;

7. Illi l-esponenti jixtieq jiddivorzja u li z-zwieg tieghu ma’ l-intimata jigi mahlul;

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha jiddikjara :

1. Illi preliminarjament l-esponent jikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erba’ snin isseparati u li bejniethom m’hemm l-ebda cans ta’ rikonciljazzjoni;

2. Illi effettivament l-esponenti jaqbel ukoll illi bhala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment, u ghalhekk m'ghandux oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;
3. Illi finalment l-esponenti jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti f'dan l-istadju;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' April 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Jannar 2012 u ghalhekk ilhom aktar minn erba' snin jghixu separatament minn ma xulxin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.